MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 22/2012

**Kenneth Gafa'**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Kenneth Gafa', fejn dan, wara li ppremetta illi:

Hu ilu arrestat mill-11 ta' Dicembru 2010, cioe' 15-il xahar u nofs, fuq akkuza ta' omicidju.

Huwa ghamel diversi rikorsi ghall-helsien mill-arrest, li dejjem gew michuda. Ir-ragunijiet migjuba mill-Avukat Generali dejjem kienu sterotipati, jew kif jinghad illum, 'cut

and paste’. Hekk ukoll kienu konsiderazzjonijiet tal-qrati ta’ gurisdizzjoni kriminali.

L-Artiklu 575 tal-Kodici Kriminali kien inbidel, u llum m’ghadux il-kaz li bail ma jistax jinghata ghax l-akkuza hija ta’ omicidju. Tant hu hekk li illum hemm diversi imputati b’omicidju li huma bil-helsien mill-arrest. Ta’ min isemmi, per ezempju, il-kaz tar-Russa, il-kaz tal-qtil tal-‘Bona’, u zewg kazijiet ta’ qtil f’Hal Qormi, fost ohrajn li diga’ kienu fil-passat, fosthom l-aktar maghruf kien dak ta’ Lawrence Pullicino.

Ic-cahdiet tal-liberta’ provvisorja llum qed jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-Art. 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Il-Qorti Kostituzzjonali diga’ ddecidiet kaz simili fejn l-arrest kien ta’ tul ta’ l-istess zmien, u r-reat kien igib il-piena ghall-ghomor (Kolakovic v. Avukat Generali ta’ l-14 ta’ Frar 2011).

Kif jirrizulta mid-diversi cahdiet tal-liberta’ provvisorja, ir-ragunijiet migjuba ma kinux tali li juru li hemm verament htiega processwali. Il-fatt tal-gravita tar-reat li bih ikun akkuzat persuna ma jistax jibqa’ r-raguni valida ghala persuna ghandha tigi arrestata. Il-Qorti Ewropea qalet f’diversi okkazjonijiet li, ghalkemm din tista’ tkun raguni valida fil-bidu, meta jibda ghaddej iz-zmien, l-istat ma jistax jibqa’ jinqeda biha. L-aktar kaz famuz huwa dak ta’ Letellier v. France, li wara ftit xhur fuq akkuza ta’ omicidju ta’ zewgha, u fuq ragunijiet migjuba b’mod inventat mill-prosekuzzjoni, il-Qorti Ewropea sabet ksur ta’ l-Artiklu 5(3) tal-Konvenzjoni.

Fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tat-12 ta’ Marzu 2009, Alexsandr Makarov v. Russia, il-Qorti Ewropea qalet hekk:

1. Under the Court’s case-law, the issue of whether a period of detention is reasonable cannot be assessed *in abstracto*. Whether it is reasonable for an accused to remain in detention must be assessed in each case according to its special features. Continued detention can be justified only if there are specific indications of a

genuine requirement of public interest which, notwithstanding the presumption of innocence, outweighs the rule of respect for individual liberty (see, among other authorities, *W. V. Switzerland*, 26 January 1993, Series A no. 254-A, and *Kudla v. Poland* [GC], no. 30210/96, § 110, ECHR 2000-XI).

2. The presumption is in favour of release. As the Court has consistently held, the second limb of Article 5 § 3 does not give judicial authorities a choice between either bringing an accused to trial within a reasonable time or granting him provisional release pending trial. Until his conviction, the accused must be presumed innocent, and the purpose of the provision under consideration is essentially to require him to be released provisionally once his continuing detention ceases to be reasonable (see *Vlasov v. Russia*, no. 78146/01, § 104, 12 June 2008, with further references).

3. The Court further observes that it falls in the first place to the national judicial authorities to ensure that, in a given case, the pre-trial detention of an accused person does not exceed a reasonable length of time. To this end they must examine all the facts arguing for or against the existence of a genuine requirement of public interest justifying, with due regard to the principle of the presumption of innocence, a departure from the rule of respect for individual liberty, and set them out in their decisions dismissing the applications for release. It is esentially on the basis of the reasons given in these decisions and of the true facts mentioned by the applicant in his appeals that the Court is called upon to decide whether or not there has been a violation of Article 5 § 3 of the Convention (see *Labita v. Italy* [GC], no. 26772/95, § 152, ECHR 2000-IV).

4. The arguments for and against release must not be “general and abstract” (see *Smirnova v. Russia*, nos. 46133/99 and 48183/99, § 63, ECHR 2003-IX). Where the law provides for a presumption in respect of factors relevant to the grounds for continued detention, the existence of the specific facts outweighing the rule of

respect for individual liberty must be convincingly demonstrated (see *Ilijkov v. Bulgaria*, no. 33977/96, § 84 *in fine*, 26 July 2011).

5. The persistence of a reasonable suspicion that the person arrested has committed an offence is a condition *sine qua non* for the lawfulness of the continued detention, but after a certain lapse of time it no longer suffices. In such cases, the Court must establish whether the other grounds given by the judicial authorities continue to justify the deprivation of liberty. Where such grounds are “relevant” and “sufficient”, the Court must also ascertain whether the competent national authorities displayed “special diligence” in the conduct of the proceedings (see *Labita*, cited above, § 153).

**Dwar ir-rimedju**

F’Malta dahlet gurisprudenza li jekk ikun hemm vjolazzjoni ta’ l-Artiklu 5(3) tal-Konvenzjoni, l-atti jintbghatu quddiem il-Qorti Kriminali halli taghti rimedju u helsien mill-arrest. Dan hu zbaljat. Jekk ikun hemm vjolazzjoni, ir-rimedju huwa fl-ewwel lok, wiehed, u cioe’, il-helsien mill-arrest. Anke z-zmien li jghaddi sakemm persuna terga’ tmur quddiem qorti kriminali u tkun ghadha taht arrest ifisser li dik il-vjolazzjoni qed titwal. Kien hemm is-sentenza Mark Stephens vs. Malta fuq dan il-punt, fejn il-Qorti sabet ksur anke minhabba sitt ijiem dewmien. Ghalhekk, il-vjolazzjoni ghandha ggib maghha r-rimedju effettiv.

Talab ir-rikorrenti jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li fil-konfront ta’ l-esponenti hemm ksur ta’ l-Artiklu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Taghti rimedju effettiv u dan billi tordna l-helsien mill-arrest tieghu taht kundizzjonijiet xierqa.

Taghtih kumpens morali ghall-vjolazzjoni fuq il-perjodu traskors.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ta’ l-Avukat Generali, li in forza taghha eccepixxa illi:

Permezz tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrent qiegħed jallega li l-arrest kontinwu tiegħu in vista tal-proċeduri fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Chris Pullicino, Daniel Zammit u Edmond Cuschieri) vs. Kenneth Gafa’* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tieghu kif sanċiti fl-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

In linea preliminari l-esponent jitlob umilment illi jiġu allegati l-atti relevanti għall-finijiet biss tal-kawża odjerna, mill-kawża kriminali (stadju ta’ kumpilazzjoni) kontra r-rikorrent fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Chris Pullicino, Daniel Zammit u Edmond Cuschieri) vs. Kenneth Gafa’* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali;

L-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti:

**<u>Dwar il-fatti:</u>**

(i) Illi r-rikorrent tressaq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fit-13 ta’ Diċembru 2010 akkużat li kkaġuna l-mewt ta’ Christine Sammut;

(ii) Illi r-rikorrent għamel diversi rikorsi sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest kemm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u kemm quddiem il-Qorti Kriminali pero’ ma ssodisfax lill-Qrati konċernati li kien intitolat għall-ħelsien mill-arrest ai termini tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 575 tal-Kap. 9 u għalhekk it-talbiet tiegħu ġew miċħuda u dan kif ser jiġi spjegat aktar ‘l isfel;

**<u>Digrieti tal-Qrati Kompetenti fir-rigward tat-talbiet għall-ħelsien mill-arrest</u>**

Fl-ewwel tlett digrieti u cioe' dawk ta' l-10 ta' Mejju 2011, 15 ta' Mejju 2011 u tas-26 t'Awissu 2011 il-Qorti kkunsidrat illi peress illi ma kienx hemm il-garanziji suffiċjenti skont il-liġi f'dak l-istadju, kienet kostretta tiċħad it-talba;

Għandu jingħad illi **fl-ewwel stadji** ta' l-arrest, il-gravita' tar-reat u anke s-suspett raġjonevoli li l-persuna kkommettiet ir-reat huma fatturi importanti meta tkun qed tiġi kkonsidrata l-ħelsien mill-arrest. Fil-każ in deżamina r-reat huwa wieħed gravi u s-suspett kien u għadu wieħed raġjonevoli u dan fost affarijiet oħra minħabba l-fatt li r-reat ġie iffilmjat kollu fuq CCTV camera li hemm fuq il-post tad-delitt u dan kif jidher mill-proċess kriminali a fol. 476;

Pero' aktar ma jgħaddi ż-żmien, dawn il-fatturi waħedhom ma jkunux biżżejjed u jkun hemm bżonn raġunijiet oħrajn sabiex jiġġustifikaw il- privazzjoni tal-liberta';

F'dan ir-rigward il-Qorti ta' Strassburgu fis-sentenza ***Punzelt vs. Czech Republic*** qalet hekk:

"*The persistence of a reasonable suspicion that the person arrested has committed an offence is a condition sine qua non for the lawfulness of the continued detention, but after a certain lapse of time it no longer suffices. The Court must then establish whether the other grounds given by the judicial authorities continued to justify the deprivation of liberty.*"

Fil-fatt, fil-każ odjern, il-Qrati kompetenti ma qagħdux biss fuq il-gravita' tar-reat u s-suspett raġjonevoli li jeżisti, iżda kkunsidraw diversi affarijiet oħra, hekk kif rikjest mill-Artikolu 575, u dan in konformita' ma dak li jrid l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea;

Fid-digriet tad-19 t'Ottubru 2011 u anke fid-digriet tal-5 ta' Diċembru 2011 il-Qorti qalet hekk:

"*Peress illi fil-fehma tal-Qorti, dan l-istadju għadu wieħed prematur* ***minħabba li l-investigazzjonijiet tal-Pulizija għadhom ma ġewx konklużi u għalhekk għad hemm il-possibilita' ta' ntralċ ta' provi****.*"

F'dak l-istadju, il-ħelsien mill-arrest ma kienx ingħata minħabba biża ta' ntralċ ta' provi. Il-biża ta' ntralċ ta' provi huwa wieħed mill-konsiderazzjonijiet ta' l-Artikolu 575 tal-Kap. 9 u anke wieħed mill-Konsiderazzjonijiet aċċettati bħala validi mill-Qorti ta' Strassburgu f'każijiet bħal dawn, fejn tiġi miċħuda l-liberta' proviżorja;

Fid-digriet ta' l-20 ta' Jannar 2012 mogħti din id-darba minn Qorti differenti u cioe' mill-Qorti Kriminali, *"il-Qorti rat ir-rikors ta' l-imputat, ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali, l-atti in kumpilazzjoni, semgħet is-sottomissjonijiet u ħadet in konsiderazzjoni:*

*a. Iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif riżultanti mill-atti tal-kumpilazzjoni limitatament pero' għat-talba odjerna;*

*b. In-natura tar-reati addebitati lir-rikorrent u l-piena applikabbli jekk tinstab ħtija;*

*c. Il-fatt li għad* ***hemm almenu xhud pajżan wieħed li għad irid jixhed u li, kif ġie spjegat mill-prosekutur ma setax jiġi prodott qabel peress illi kien hemm proċeduri kriminali kontra tiegħu iżda li issa ġew terminati***"

Wara li kkunsidrat dan kollu, lanqas il-Qorti Kriminali ma kienet sodisfatta li jekk ir-rikorrent jingħata l-ħelsien mill-arrest f'dan l-istadju ma jkunx hemm perikolu serju ta' ntralċ mar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja kif ravviżat fil-paragrafu (ċ) sa (e) tas-sub-artikolu (1) ta' l-Artikolu 575 tal-Kap. 9 u għalhekk ċaħdet it-talba ta' l-imputat;

F'dan l-istadju u cioe' meta ġie mogħti d-digriet ta' l-20 ta' Jannar 2012 jidher li kien għad fadal minn ta' l-anqas xhud wieħed li kien għadu ma xehdx. Kif spjegat tajjeb il-prosekuzzjoni, kien hemm raġunijiet validi għaliex dan ma

setax jitla’ jixhed qabel, u mhux minħabba xi traskuraġni jew ħela ta’ ħin da parti tal-prosekuzzjoni jew tal-Qorti;

Inoltre għandu jingħad li għalkemm ir-rikorrent qiegħed arrestat, xorta waħda prova jqarraq bl-awtoritajiet u bil-Pulizija u dan kif jirriżulta mis-CD esebit fil-proċess kriminali;

Fid-digriet ta’ l-14 ta’ Frar 2012, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja reggħet rat ir-rikors ta’ l-imputat, rat ir-risposta ta’ l-Avukat Ġenerali, rat l-Artikolu 575(1) u semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Inoltre l-Qorti kkunsidrat ukoll is-sentenzi ta’ ***Paschalino Cefai vs. AG*** deċiża fit-2 ta’ Diċembru 2011 u ***Jovica Kolakovic vs. AG*** deċiża fl-14 ta’ Frar 2011 u li ilu arrestat 14-il xahar u xorta waslet għall-konklużjoni li fil-każ odjern ir-rikorrent ma kienx jimmerita li jkun mogħti l-ħelsien mill-arrest;

Mill-kunsiderazzjonijiet kollha ta’ l-Avukat Ġenerali, il-Qorti żammet is-segwenti:

a. biża għas-sigurta’ tat-tifla tal-vittma;

b. natura serja tar-reat li bih jinsab akkużat;

c. dispożizzjonijiet kollha ta’ l-Artikolu 575

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll dak li qalet il-Qorti Kriminali fid-digriet tagħha ta’ l-20 ta’ Jannar 2012 fejn ġiet miċħuda t-talba ta’ l-imputat għall-ħelsien mill-arrest u ddeċidiet li f’dan l-istadju ċ-ċirkostanzi huma differenti u għalhekk il-Qorti ddeċidiet li fadal biss dawn il-konsiderazzjonijiet:

i. Biża’ għas-sigurta’ tat-tifla;

ii. Ċirkostanzi partikolari tal-każ, limitatament għat-talba ta’ l-imputat;

iii. Natura jew il-gravita’ tar-reat u l-piena applikabbli

iv. Dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 575 tal-Kap. 9

Wara li rat u kkunsidrat dawn kollha, il-Qorti ma kienitx konvinta li l-imputat jista' jagħti l-garanziji suffiċjenti kif titlob il-liġi;

F'dan l-istadju, il-Qorti rrikonoxxiet li ċertu fatturi issa m'għadhomx jgħoddu u dan għaliex laħaq għadda ftit taż-żmien u għalhekk iċ-ċirkostanzi ħadu xejra oħra. Fil-fatt illimitat ruħha għall-ċertu konsiderazzjonijiet u mhux kollha. Madanakollu il-Qorti xorta waslet għall-konklużjoni li r-rikorrent ma jissodisfax il-kriterji **kollha** ta' l-Artikolu 575 u għalhekk ċaħditlu t-talba għall-ħelsien mill-arrest;

Għandu jingħad li xi wħud mill-familjari tal-vittma huma mbeżżża' minnu u dan minħabba l-atteġjament tiegħu fil-konfront tagħhom. Fil-fatt waħda mill-akkużi fil-konfront tar-rikorrent hija li kkreja biża u inġurja lill-Susan Sammut li tiġi l-mara ta' ħu l-vittma;

Għandu jingħad ukoll li r-rikorrent m'għandu l-ebda dipendenti u l-ebda tip ta' rbit hawn Malta u kien hemm żmien li r-rikorrent kien ħarab minn Malta minħabba li kellu xi djun ma diversi persuni fosthom ma' missier il-vittma. Inoltre dan m'għandu xejn xi jżommu milli jaħrab minn Malta aktar u aktar meta r-rikorrent jaf li hemm provi skjaċċanti kontra tiegħu fosthom it-tape tas-CCTV camera li fih hemm iffilmjat ir-reat kollu u jaf li hemm possibilita' kbira li se jqatta' ħajtu kollha jew parti sostanzjali minnha ġewwa l-ħabs jekk jinstab ħati;

Inoltre kif spjegat il-prosekuzzjoni, ir-rikorrent waqt li qiegħed jinżamm arrestat, saħansitra xellef difrejh ma' uffiċjali tal-ħabs u ma qgħadx għall-ordnijiet li tawh, tant li heddidhom u anke kellu jiċċaqlaq f'diviżjoni oħra tal-ħabs. Dan juri biċ-ċar li r-rikorrent mhux kapaċi jaderixxi ruħu ma' ordnijiet mogħtija mill-awtoritajiet. Lanqas fil-ħabs stess mhu qiegħed jobdi l-ordnijiet ta' l-awtoritajiet aħseb u ara li kieku jkun qiegħed fuq barra!!

Fl-aħħar digriet s'issa u cioe' dak ta' l-ewwel ta' Marzu 2012 din id-darba mogħti mill-Qorti Kriminali, l-Qorti

kienet ta’ l-istess fehma tal-Qorti tal-Maġistrati u reġgħet ċaħditlu t-talba;

Il-Qorti ċaħdet it-talbiet għal ħelsien mill-arrest għaliex qabel tagħti l-ħelsien mill-arrest il-Qorti trid tkun konvinta li l-imputat se jkun kapaċi jaderixxi ruħu **ma’ kull kriterju msemmi fl-Artikolu 575 u mhux biss ma xi uħud minnhom**;

Kif jidher mis-suespost, kemm l-Avukat Ġenerali meta oppona għal ħelsien mill-arrest, kif ukoll il-Qorti tal-Maġistrati u dik Kriminali meta kkonsidraw jekk għandux jingħata l-ħelsien mill-arrest jew le, użaw ‘special diligence’ u raġunijiet pjenament validi fil-liġi u mhux kif qal ir-rikorrent qabdu u għamlu *copy and paste*. Illi anzi jiġi rilevat illi huwa proprju r-rikorrent li għamel rikorsi *b’copy and paste* mingħajr ma ġab raġunijiet ġodda u validi li a bażi tagħhom għandu jingħata l-ħelsien mill-arrest. Inoltre kif indikat mis-suespost u kif jidher mill-proċess kriminali kien hemm raġunijiet li huma ‘*relevant and sufficient’* għalfejn il-Qrati s’issa dejjem ċaħdu t-talba ta’ l-imputat rikorrent u inoltre il-Qrati dejjem bbażaw id-digrieti tagħhom fuq fatti konkreti bħall-atteġjament tar-rikorrent u ċ-ċirkostanzi tal-każ u mhux fuq possibilitajiet ipotetiċi;

**Ebda ksur ta’ l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea**

Mhux kull ċaħda għal-liberta’ proviżorja tikkostitwixxi vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea;

**Illi d-dritt ta’ l-akkużat għall-liberta’ proviżorja ma jistax jissorpassa d-dritt tal-prosekuzzjoni u tal-Qorti li tipproteġi lis-soċjeta’ u lill-vittmi;**

L-Artikolu 575 huwa artikolu li jitlob lill-Qorti tiżen iċ-ċirkostanzi u l-elementi kollha msemmija fl-imsemmi artikolu, sabiex tasal għal-konklużjoni oġġettiva u dan għaliex meta l-Qorti tagħti ħelsien mill-arrest, din trid tkun sodisfatta illi m’hemmx perikolu li r-rikorrent:

*(a)jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorita' msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija; jew*

*(b) jinħeba jew jitlaq min Malta; jew*

*(c) ma josservax xi kondizzjoni li l-qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fid-digret tagħha li bih jingħata l-ħelsien; jew*

*(d) jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'xi mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja l-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew xi persuna oħra; jew*

*(e) jikkometti xi reat ieħor.*

**Illi effettivament it-trapass ta' numru ta' xhur f'arrest preventiv *per se* m'għandux ikun l-uniku kriterju li a bażi tiegħu kellu jingħata l-ħelsien mill-arrest**, kif donnu qed jippretendi r-rikorrent. L-Artikolu 575 (5) u (6) tal-Kap. 9 speċifikament, jirregolaw il-kriterju taż-żmien u ż-żmien applikabbli ndikat fihom huwa ta' għoxrin xahar, liema perjodu għadu ma skadiex u allura d-detenzjoni hija waħda legali u mhix leżiva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent meta mqabbla mal-kriterji l-oħra li kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll il-Qorti tal-Maġistrati u dik Kriminali kienu evalwaw fil-konfront tiegħu;

Il-proċeduri kriminali qed jitmexxew b'mod regolari u għal dan m'hemm l-ebda kontestazzjoni;

Fil-ktieb ***The Right to Liberty and Security of the Person; A guide to the implementation of Article 5 of the European Convention of Human Rights, Monica Macovei. Human Rights Handbooks, No. 5*** jingħad hekk:

"*The Court has recognized four reasons as relevant for continuing a person's pre-trial detention where there is still a reasonable suspicion of his or her having committed an offence.These are:*

*i. the risk of flight;*

*ii. the risk of an interference with the course of justice;*

*iii. the need to prevent crime;*

*iv. the need to preserve public order*

Jekk ir-rikorrent ma jissodisfax il-kriterji kollha allura ma jkunx jista’ jingħata ħelsien mill-arrest u ma jkun hemm l-ebda ksur tad-drittijiet tar-rikorrent jekk il-Qorti ma takkordalux dan il-ħelsien;

Kif diġa ġie spjegat ir-rikorrent huwa a *high risk individual* u dan għal diversi raġunijiet. Ir-rikorrent m’għandu l-ebda raġuni għalfejn għandu jibqa’ hawn Malta u allura r-*risk of flight* hemm qiegħed. Il-Qorti ta’ Strassburgu titkellem dwar riskju li jaħrab u mhux li hemm ċertezza li dan ser jaħrab. Dan ifisser li l-Qorti trid tiġbed konklużjoniet mill-fatti eżistenti. Mill-fatti eżistenti jidher li Malta m’għandha xejn x’toffri lir-rikorrent u m’għad fadallu l-ebda rabtiet magħha. Inoltre kien diġa ħarab darba meta kellu problema ta’ dejn, problema li mhix kbira daqs l-akkuża li qed jiġi akkużat biha issa;

Dwar it-tieni punt u cioe’ *the risk of an interference with the course of justice* għandu jingħad li l-kumpilazzjoni għadha ma ngħalqitx u għalhekk sa dakinhar ta’ l-aħħar digriet kienu għadhom ma nstemgħux il-provi u x-xhieda kollha;

Dwar *the need to prevent crime* l-esponent jsostni li r-rikorrent lanqas huwa kapaċi jżomm l-ordni meta qiegħed il-ħabs taħt sorveljanza u allura s’issa l-Qrati kienu korretti li ma tawhx il-ħelsien mill-arrest;

Għandu jingħad li r-rikorrent huwa reċidiv u m’għandux fedina penali netta;

Dwar l-aħħar punt u cioe’ *the need to preserve public order,* għandu jingħad illi filwaqt li d-drittijiet ta’ l-akkużat

għandhom jiġu mħarsa, hekk ukoll għandhom jiġu mħarsa **d-drittijiet tas-soċjeta' u tal-familja tal-vittma**;

Meta għandek persuna bħar-rikorrent li huwa bniedem li fost l-oħrajn, xellef idejh mal-ġustizzja għal aktar minn darba u dan jidher mill-fedina penali tiegħu u mill-fatt li huwa reċediv, bniedem li ma jafx joqgħod għall-ordnijiet ta' l-awtoritajiet, n-nuqqas ta' affidabilita' tal-karattru tiegħu, in-natura serjissima tar-reat li qiegħed jiġi akkużat bih u l-fatt li kien nieqes għal xi żmien minn Malta minħabba kwistjoni anqas serja minn din preżenti u meta tara wkoll in-numru ta' rapporti fl-għassa tal-Pulizija kontra r-rikorrent, fl-umli opinjoni ta' l-esponent il-Qorti ġustament waslet għall-konkużjonijiet fid-diversi digrieti li tat li dan il-persuna mhux kapaċi jaderixxi ruħu mal-kriterji kollha ta' l-Artikolu 575;

Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost għandu jirriżulta lill-din l-Onorabbli Qorti li m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamnetali tar-rikorrent.

**Każijiet kwotati mir-rikorrent**

Għalkemm il-każijiet li rrefera għalihom ir-rikorrent u cioe' il-każ tar-Russa, il-każ ta' qtil tal-Bona u żewġ każijiet f'Ħal Qormi huma każijiet fejn l-imputati qed jiġu akkużati b'omiċidju, wieħed ma jistax iqabbilhom flimkien. Dan għaliex il-qorti ma tarax **biss** il-gravita' tar-reat meta tkun qed tiddeċiedi tagħtix ħelsien mill-arrest jew le, iżda tikkunsidra *"iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, in-natura u l-gravita' tar-reat, il-karattru, anteċedenti, assoċjazzjonijiet u rabtiet fil-komunita' ta' l-imputat, kif ukoll kull ħaġa oħra lit kun tidher li hi rilevanti"*;

Il-konkluzjonijiet tal-Qrati fil-ġurisprudenza kkwotata mir-rikorrent għandhom jiġu nterpretati biss fil-kuntest tal-fattispecie ta' dawk il-kazijiet partikolari. Illi meta jqabbel każ ma' ieħor ir-rikorrent irid jispjega u jqabbel il-fatti kollha tal-każ u mhux iqabbel it-tul ta' l-arrest u l-piena li jġorr miegħu ir-reat biss bħalma għamel fir-rikors promotur meta semma s-sentenza ***Koloakovic vs. Avukat Ġenerali***.

**Rimedju**

Bla preġudizzju għas-suespost u cioe' li m'għandu jinstab ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, jiġi rilevat li fi kwalunkwe każ id-digriet għall-ħelsien mill-arrest għandu jingħata mill-Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali u mhux waħda ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali;

Mingħajr preġudizzju, għalkemm din l-Onorabbli Qorti tista' tagħti kull rimedju li jidhrilha xieraq, madanakollu hija l-umli fehma ta' l-esponent li ma jridx jintesa' l-iskop tad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jiġu stabbiliti *standards* u s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-*istandards* hija r-rimedju ewlieni;

Għalhekk u fid-dawl tas-suespost ma jirriżulta ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u għalhekk l-allegazzjonijiet u t-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-noti u r-referenzi, inkluzi dawk ipprezentati b'forma elettronika.

Semghet lid-difensuri.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti f'din il-kawza tressaq taht arrest fit-13 ta' Dicembru 2010 u gie akkuzat b'omicidju ta' Christine Sammut. Minn dak iz-zmien 'l hawn huwa ressaq diversi talbiet ghall-helsien mill-arrest li kollha gew michuda. Qieghed ghalhekk isostni ma' din il-Qorti illi detenzjoni tieghu qeghda tilledi d-dritt tieghu ghal-liberta' provvisorja kif sancit bl-Art. 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea.

L-Art. 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem testwalment jipprovdi illi:

"*Kull min ikun arrestat jew detenut skont id-dispozizzjonijiet tal-paragrafu (1) (c) ta' dan l-Artikolu ghandu jingieb minnufih quddiem l-imhallef jew funzjonarju iehor awtorizzat b'ligi biex jezercita setgha gudizzjarja u jkollu dritt ghall-proceduri fi zmien ragjonevoli jew ghall-helsien waqt pendenza tal-proceduri. Il-helsien jista' jkun taht kundizzjoni ta' garanziji biex jidher ghall-proceduri.*"

Il-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fl-Art. 575 jipprovdi illi:

"*575. (1) Bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 574(2), fil-kaz ta' –*

*(i) Imputat ta' delitt kontra s-sigurta' tal-Gvern, jew*

*(ii) Imputat ta' delitt suggett ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru,*

*Il-Qorti tista' taghti helsien mill-arrest, biss jekk, wara li tikkunsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz, in-natura u l-gravita' tar-reat, il-karattru, antecedenti, assoccjazzjonijiet u rabtiet fil-komunita' ta' l-imputat, kif ukoll kull haga ohra li tkun tidher li hi relevanti, tkun sodisfatta illi ma hemmx perikolu illi l-imputat jekk jigi mehlus mill-arrest –*

*(a) Jonqos li jidher ghall-ordni ta' l-awtorita' imsemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija; jew*

*(b) Jinheba jew jitlaq minn Malta; jew*

*(c) Ma josservax xi kundizzjoni li l-Qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fid-digriet taghha li bih jinghata l-helsien; jew*

*(d) Jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'xi mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja l-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew xi persuna ohra; jew*

*(e) Jikkommetti xi reat iehor.*

Il-principju generali mhaddna mill-Qorti Ewropea fir-rigward gew ricentement riassunti fil-kawza Idalov vs. Russia (22 ta' Mejju 2012), fejn il-Qorti rriteniet illi:

"*The Court reiterates that the question whether a period of time spent in pre-trial detention is reasonable cannot be assessed in the abstract. Whether it is reasonable for an accused to remain in detention must be assessed on the facts of each case and according to its specific features. Continued detention can be justified in a given case only if there are actual indications of a genuine requirement of public interest which, nowithstanding the presumption of innocence, outweighs the rule of respect for individual liberty laid down in Article 5 of the Convention.*"

Qalet ukoll:

"*The existence and persistence of a reasonable suspicion that the person arrested has committed an offence is a condition sine qua non for the lawfulness of the continued detention. However, after a certain lapse of time, it no longer suffices. In such cases, the Court must establish whether the other grounds given by the judicial authorities continued to justify the deprivation of liberty. Where such grounds are "relevant" and "sufficient", the Court must also ascertain whether the competent national authorities displayed "special diligence" in the conduct of the proceedings (see Labita, cited above, §§ 152 and 153). Justification for any period of detention, no matter how short, must be convincingly demonstrated by the authorities (see Shishkov v. Bulgaria, no. 38822/97, § 66, ECHR 2003-1). When deciding whether a person should be released or detained, the authorities are obliged to consider alternative measures of ensuring his apperance at trial.*"

Il-Qorti ghamlet referenza ghall-kazijiet Labita, Kudla, Shishkov u Jablonski, fost ohrajn.

F'Malta, imbaghad, il-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) (Imhallef Tonio Mallia) gabret komprensivament il-fatturi kollha li jehtieg li jigu

kkunsidrati sabiex tigi stabbilita r-ragonevolezza o meno ta’ cahda ta’ liberta’ provvisorja (Paschalino Cefai vs L-Avukat Generali, 2 ta’ Dicembru 2011).

Fis-sentenza John sive Jan Leone Ganado vs. Onor. Prim Ministru et (21 ta’ Mejju 1992), inghad hekk:

“*Il-prezunzjoni hi allura favur il-liberta’ provizorja u r-rikorrent m’ghandux ghalfejn jipprova xejn aktar, ghajr il-fatt li jinsab arrestat u mcahhad minn din il-liberta’ u li talab li jigi moghti l-liberta’ provizorja, u li din giet lilu michuda. ... Jispetta allura lill-intimati li jipprovaw sodisfacentement, b’mod li jwasslu lill-Qorti ghall-konvinciment morali, motivat u fondat, illi jirrikorru fil-kaz in ezami, cirkostanzi gravi li jiggustifikaw ic-cahda tal-liberta’ provizorja. L-oneru tal-prova hu ghalhekk kollu kemm hu mixhut – u dan b’mod l-aktar pezanti – fuq l-intimata.*”

Fil-kaz Kubicz vs. Poland (28 ta’ Gunju 2006), intqal hekk:

“*The question whether a period of detention is reasonable cannot be assessed in the abstract but must be considered in each case according to its special features. Continued detention can be justified in a given case only if there are specific indications of a genuine requirement of public interest which, notwithstanding the presumption of innocence, outweighs the rule of respect for individual liberty laid down in Article 5 of the Convention.*”

Huwa fid-dawl ta’ dawn il-principji li l-Qorti ser tghaddi biex tezamina c-cirkostanzi kollha tal-kaz li ghandha quddiemha. Il-Qorti tenfasizza li dan l-iskrutinju huwa essenzjalment limitat bil-parametri tat-talba konvenzjonali u ma jmiss xejn mal-mertu tal-htija o meno ta’ l-istess detenut akkuzat.

Ir-rikorrenti jinsab akkuzat, fost hwejjeg ohra, bl-omicidju ta’ Christine Sammut. Ilu detenut in konnessjoni ma’ din l-akkuza mit-13 ta’ Dicembru 2010 u cioe’ tmintax-il xahar. Tul id-detenzjoni tieghu ressaq talbiet ghall-helsien mill-arrest f’Mejju ta’ l-2011, f’Gunju ta’ l-2011, f’Awissu ta’ l-2011, f’Settembru ta’ l-2011, f’Novembru ta’ l-2011,

quddiem il-Qorti tal-Magistrati u f'Jannar ta' din is-sena (2012) quddiem il-Qorti Kriminali, imbaghad fi Frar 2012 quddiem il-Qorti tal-Magistrati. It-talbiet tieghu kollha gew michuda, wara, wiehed jinnota, oggezzjoni mill-prosekuzzjoni kontenuta f'risposti identici, talba wara l-ohra.

Il-Qorti ezaminat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija fil-proceduri Kriminali minn Susan Sammut, li tigi qariba tal-vittma u Carisia Sammut, bint il-vittma, li t-tharis tas-sigurta' taghha giet konsistentement ikkunsidrata principalment fic-cahda tal-helsien mill-arrest. Minn dawn it-traskrizzjonijiet u l-istampa li jwasslu tal-personalita' ta' l-akkuzat rikorrenti odjern li ma sserrahx il-mohh tal-gudikant li huwa qieghed f'pozizzjoni li jiggarantixxi l-kundizzjonijiet ta' l-Art. 575.

Monica Macovei fil-"A guide to the implementation of Article 5 of the European Convention on Human Rights", tghid hekk:

"*The need to prevent crime has been recognised as a legitimate basis for continuing deprivation of liberty where a serious charge is involved, but it must be demonstrated that any concern about further offences being committed is a plausible one and that the measure in the particular case is appropriate. In making an assessment of these matters, all the circumstances of the case and especially the past history and personality of the person concerned must be taken into account.*"

Ara ukoll Barfuss vs. The Czech Republic (31 ta' Lulju 2000).

Madanakollu, ghalkemm din il-Qorti hi tal-fehma li l-personalita' tar-rikorrenti tista' tkun inkwetanti u ghalhekk tirrendi "relevant" u "sufficient" ir-raguni ghad-detenzjoni tieghu, u hawn, il-Qorti tikkonsidra s-sitwazzjoni tal-bint minuri tal-vittma li tixhed li esperjenzat il-personalita' tar-rikorrenti fl-imgieba tieghu maghha u ma' ommha, kif konfermata ukoll mix-xhieda ta' Susan Sammut, il-Qorti ma tistax tieqaf hemm. Il-Qorti Ewropea, f'cirkostanzi

simili, tqis l-oneru mqieghed fuq l-awtoritajiet biex jezercitaw “special diligence” fl-andament tal-proceduri, u dan sabiex id-durata ta’ l-arrest preventiv ma tiggebbidx inutilment ghad-detriment tad-detenut.

Fil-kaz in ezami, mill-verbali esibiti in atti ma jirrizultax illi l-awtoritajiet naqsu min-naha taghhom fl-ezercizzju ta’ “special diligence”.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrent.

Kull parti tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------